**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 026/2017**

**RT u FT (l-ilmentaturi)**

**vs**

**Crystal Finance Investments Ltd.**

**(C26761) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tas-6 ta' Frar 2018**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi jghidu li meta kienu investew il-flus kienu mwieghda li meta jaghlqu jiehdu l-kapital lura, dak ta' €7,000.

Jghidu wkoll illi kieku kienu konxji '*bhalma qed jghid l-operatur*' li setghu jitilfu flushom, kienu jiddepozitaw flushom go bank lokali u mhux jitilfu flushom kif ghamlu b'dan l-investiment.

Il-provditur tas-servizz '*qatt ma semma' li l-investiment jista' jinzel aktar mill-ammont investit*.'

Huma qed jitolbu li jigu moghtija l-ammont ta' €3,744.42, li huwa l-ammont li allegatament naqsilhom mill-kapital originarjament investit.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn jghid:**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-"Arbitru") m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi

l-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan ai termini tal-Artiklu 17 tat-*Terms of Business Agreements* (annessi u mmarkati bhala 'Dok CFI1', 'Dok CF/2' rispettivatment) liema artiklu jispecifika bl-aktar mod car illi *'This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts'* u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment;

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet Ii jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi in-nullità tal-Ilment ai termini tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjetà Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirrizultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjetà Esponenti Ii jaghtu lok ghall-Ilment u kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex possibbli Ii s-Socjetà Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u, allura, l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova Ii trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputibbli taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni ghad-danni allegati Ii fi kwalunkwe kaz huma r-rizultat ta' fatturi totalment estranei ghas-Socjetà Esponenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilment huwa mimli inezattezzi b'sensiela ta' allegazzjonijiet bla bazi u inveritieri sabiex jinsgu storja artificjali tar-rapport bejn l-investituri Ilmentaturi u s-Socjetà Esponenti kif se jigi ampjamenti ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-Ilmentaturi huma ghal kollox fiergha u nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjetà Esponenti aggixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm l-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

5. Illi fil-mertu l-llment u t-talbiet tal-attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

6. Illi fil-mertu uminghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici qieghda tibbaza l-Ilment taghha fuq il-fatt illi allegatament riedu investiment *'biex intejjeb il-pensjoni tieghi u li is-somma tkun garantita.'* Filwaqt illi s-Socjetà Esponenti taghmilha cara illi kienet hija li iddecidiet illi tinvesti flusha f'investimenti mas- Socjetà Esponenti minghajr ebda perswazjoni, kif ukoll riedet imghax gholi allavolja gie spjegat li dan ifisser riskju oghla, is Socjetà Esponenti ma taqbel assolutament xejn mal-allegazzjonijet maghmula f'dan l-Ilment.

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex:

    a) Illi d-dannu jew telf li garrbet l-Ilmentatrici, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom assolutament ma kellhom jew ma seta' jkollhom l-ebda kontroll is- Socjetà Esponenti. Ghalhekk kwalunkwe telf li garrbet l-attrici huwa rizultat ta' *Market u Credit Risk,* riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju (u dan kif gie spjegat lill-Ilmentatrici mir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta, kif ukoll miktub fid-dokumenti provduti lill-Ilmentaturi liema dokumenti huma stess kienu iffirmaw (inkluz ir-*ratings* tal-*bonds*, vide 'Dok CFI3'), u kif ukoll spjegat lilhom fil-korrespondenza qabel dan l-Ilment), u liema *bonds* (8.875% *Rickmers Holdings GmbH 2018 u 9.5% Edcon Proprietary Ltd 2018 BP 211*) kienu, fil-hin meta nghata l-parir lill-attrici, jghoddu jew *suitable* ghalihom, u tul ir-relazzjoni kollha bejn il-partijiet li beda fis-sena 2010, qatt u fl-ebda mument ma kien hemm investiment mhux skont kif tirrikjedi s-sengha u l-arti u mhux konformità mal-istruzzjonjiet tal-Ilmentaturi stess;

    b) L-Ilmentatrici ilha tinvesti f'*bonds* u investimenti tal-istess tip mis-sena elfejn u ghaxra (2010) u, konvenjentement, mhijiex tikkunsidra l-investimenti li saru mill-bidu tar-relazzjoni bejn il-partijiet mis-sena 2010. Qed nitkellmu fuq circa sitt tranzazzjonijiet fejn diversi drabi l-Ilmentatrici inghatat aktar minn ghazla wahda ta' fejn tinvesti. Huwa wisq facli u kontra kull principju ta' *portfolio theory* li lnvestitur izomm ghalih il-qligh sostanzjali li ghamel tul iz-zmien mill-portafoll ta' investimenti u mbaghad jippretendi li *advisor,* f'dan il-kaz, is-Socjetà

Esponenti, minkejja r-*risk warnings* li jkun ta lil klijent bil-fomm u bil-miktub, jidhol jaghmel tajjeb ghal xi investiment partikolari li jmur hazin minkejja li dan jigri habba cirkostanzi li graw ferm wara li jkun inghata il-parir, circkostanzi li ma kienux previddibbli fil-mument li fih sar l-investment.

c) Ma tezisti u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni, kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak li hu u l- investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

d) Is-Socjetà Esponenti dejjem imxiet mal-obbligi taghha skont kif tirrikjedi l-ligi u anke bosta regolamenti taht il-*MiFID (The Markets in Financial Instruments Directive*) minghajr ebda preferenza lejn xi tip jew grupp ta' klijenti fuq iehor.

e) Is-servizz li ghazlu l-Ilmentaturi kien wiehed ta' parir u ghazla f'idejn l-Ilmentaturi (*advisory service),* u mhux f'idejn id-diskrezzjoni tas-Socjetà Esponenti (*discretionary service*) fejn l-ghazla taqa' biss f'idejn is-Socjetà minghajr konsultazzjoni mal-Ilmentaturi. Dan isostni illi l-Ilmentaturi dejjem kienu mgharrfa u ippartecipaw fuq kull decizjoni u kienu dejjem aggornati kemm f'diversi laqghat u anke permezz ta' korrispondenza li intbaghtet lilhom regolari.

8. Illi, fl-ahharnett, jinghad illi s-Socjetà Esponenti ma thossx illi hemm rimedju ghall-Ilment kif imresaq mill-Ilmentaturi peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat.

9. Salv eccezzjonijet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

**Sema' x-xhieda tal-partijiet**

**Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet preliminari**

L-ewwel eccezzjoni hija dwar il-gurisdizzjoni tal-Arbitru fejn il-provditur tas-servizz jghid li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni jisma' dan il-kaz abbazi tal-Artiklu 17 tat-*Terms of Business Agreement* fejn hemm imnizzel li jekk ikun hemm kwistjoni bejn il-partijiet il-kaz ghandu jmur quddiem il-Qrati Maltin.

Però, l-provditur tas-servizz jonqos milli jsemmi li Klawsola 16 tal-istess dokument tghid li l-ilmentatrici setghet tiehu l-kaz quddiem l-*MFSA*, li permezz tal-*Consumer Complaints Unit,* kienet taghti servizz ta' *ADR (Alternative Dispute Resolution)* liema servizz qed jaghtih illum l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji minflok il-*Consumers Complaints Unit* tal-*MFSA* li gie xolt. Fil-fatt, hekk kif dahal fis-sehh il-KAP 555 u twaqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru, l-*MFSA* bdiet tirreferi l-kazi li jmorru quddiemha lill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.

Barra minn hekk, il-fatt li l-istess *Terms of Business Agreement* kienet tirreferi ghal procedura quddiem entità *ADR,* bhal *Consumers Complaints Unit*, kien ifisser li l-Qrati ma kellhomx gurisdizzjoni esklussiva.

Dak li qed jinghad huwa konfermat mill-istess provditur tas-servizz ghaliex f'ittra li kiteb lill-ilmentatrici qalilha:

'*Ninfurmak li tista tirreferi l-kaz tieghek lill-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (Office of the Arbiter for Financial Services)'.*[1]

Barra minn hekk, meta gew iffirmati t-*Terms of Business Agreements* fl-2010 u fl-2014, l-Ufficcju tal-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma kienx ghadu twaqqaf u, ghalhekk, il-partijiet ma setghux kienu qeghdin jeskluduh.

Fil-gurisprudenza taghna gie osservat fil-kawza fl-ismijiet 'Edgar Cuschieri - vs - Perit Gustavo R. Vincenti', Appell Civili, 13 ta' Frar 1950 illi "*meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car, jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li hemm bzonn tigi maqtugha, allura l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni; u din ghandha tigi primarjament interpretata skont*

[1] A fol 12

*l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet."*[2]

Kif gjà nghad, wara l-konkluzjoni tal-kuntratt il-legizlatur haseb biex jipprovdi dan il-forum specjalizzat biex jiddisponi ahjar minn certi tilwimiet fis-settur finanzjarju. Ghalkemm il-kompetenza tal-Qrati ma gietx eskluza, u l-Arbitru ghandu kompetenza konkorrenti, l-intenzjoni prezunta tal-partijiet dwar din l-okkorrenza li sehhet wara l-kuntratt ta' bejniethom hi li huma jaqblu li jipprevalixxu ruhhom minn din l-ghodda procedurali iktar idoneja mill-Qrati ipprovduta mil-legizlatur.

Dan intwera kemm mill-ilmentaturi li ghamlu l-ilment kif ukoll mill-provditur tas-servizz li, kif spjegat, baghathom quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.

Ghal dawn il-motivi l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

**Eccezzjoni dwar nullità**

Il-provditur tas-servizz jghid li dan l-ilment huwa null ai termini tal-Artikolu 789(1) tal-KAP. 12 peress li, kif redatt, ma jistax jaghmel difiza tajba. Qabel xejn,

irid jigi pprecizat li f'dan ir-rigward ma japplikax il-KAP. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-procedura quddiem l-Arbitru hija regolata espressament mill-KAP. 555 fejn fl-Artikolu 22, jinghad:

'22. *(1) Persuna li tkun qed taghmel l-ilment ghandha tressaq ilment quddiem l-Arbitru bil-miktub fejn tidentifika l-parti li kontriha jkun sar l-ilment, ir-ragunijiet ghall-ilment, u r-rimedju li jkun qed jintalab.'*

Aktar minn hekk, dawn ir-rekwiziti mhumiex *ad validatem.*

Però, l-ilment *de quo* jissodisfa r-rekwiziti tal-Artikolu 22(1) tal-KAP. 555 u m'hemm xejn null fih. Il-legizlatur kellu f'mohhu procedura semplici peress li dan huwa rimedju lill-konsumatur li mhux mistenni li jkollu gharfien ta' procedura

[2] Paul Camilleri vs Joseph Glanville – PA – Imhallef Philip Sciberras – 28.04.2003

legali, tant li anke jista' jidher quddiem l-Arbitru minghajr assistenza legali u, f'dan il-kaz, irid jinghata certa protezzjoni mill-Arbitru sabiex issehh il-gustizzja.

Meta l-Arbitru qara l-ilment u anke d-dokumenti li jakkumpanjawh, kif ser jigi spjegat aktar tard, jidher car li l-ilmentatrici qieghda tghid li inghatat parir hazin mill-provditur tas-servizz u kieku kienet taf li setghet titlef il-kapital ma kienetx tinvesti izda thallihom il-bank.

Mhux minnu li l-provditur tas-servizz ma setax jaghmel difiza tajba tant li ghamel risposta u nota ta' osservazzjonijiet fejn ressaq b'mod adegwat id-difiza tieghu.

Anke fejn japplika l-KAP. 12, il-Qrati taghna kienu dejjem favur li jigi salvat att gudizzjarju galadarba ma jkunx holoq xi pregudizzju serju lin-naha l-ohra, li ma hux il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet din l-eccezzjoni qieghda tigi michuda.

**FIL-Mertu**

**Il-verzjoni tal-partijiet**

L-ilmentaturi jghidu li tilfu €3,744.42 mill-investiment fil-***High Yield Bond Portfolio (BP 211)***[3] li l-ilmentatrici kellha mal-*Crystal Finance Investments Limited (*'il-provditur tas-servizz'), liema telf gie allegatament sostnut kawza ta' nuqqas ta' informazzjoni moghtija lilhom mill-provditur tas-servizz fir-rigward tal-ammont investit u l-eventwali ritorn tal-istess ammont mal-maturità tal-investiment in kwistjoni.

F'dan ir-rigward, l-ilmentaturi sahqu li:

*'… meta konna investejna flusna konna mwieghda li meta jaghlqu, l-investiment taghna jigi mrodd lura kollu, jigifieri l-ammont investit fil-bidu, dak ta' €7,000.'*[4]

L-ilmentaturi argumentaw li huma qatt ma gew infurmati mill-provditur tas-servizz li l-valur tal-investiment taghhom seta' ikun inqas mill-ammont originar-jament investit, u li kieku huma kienu konxji ta' dan, kienu jaghzlu li jiddepozitaw

[3] A fol. 6
[4] A fol. 8

flushom go bank lokali u mhux jitilfu ammont ta' flus mill-investiment li gie mibjugh lilhom.

Rizultat ta' dan, l-ilmentaturi talbu li tal-inqas jigu rifonduti l-ammont investit u, ghalhekk, huma qed jitolbu li jigu rimborzati l-ammont ta' €3,744.42, li hekk kif sahqu huma stess, huwa *'L-ammont nieqes mill-investiment ...'*[5]

Il-provditur tas-servizz qed jichad l-ilment imressaq mill-ilmentaturi a bazi tal-fatt li, primarjament, kienet l-ilmentatrici innifisha li iddecidiet li tinvesti flusha f'investimenti offruta mill-provditur tas-servizz, filwaqt li riedet imghax gholi minkejja li, hekk kif intqal mill-provditur tas-servizz, kien gie spjegat lilha li dan ifisser riskju oghla. Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz sahaq li t-telf sostnut kien kawza ta' *Market u Credit Risk* li hu parti mir-riskju li jgib mieghu investiment, kif ukoll ma nghatat l-ebda garanzija awtomatika li l-investiment mibjugh lilhom jirrendi dak li kien mistenni minnu kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li dan jimmatura.

Il-provditur tas-servizz insista wkoll li l-*bonds Edcon* (9.5% Edcon Proprietary *Limited 2018*) u *Rickmers* (*8.875% Rickmers Holding GmbH 2018),* li huma zewg *bonds* sottostanti tal-BP 211, il-*bond portfolio* li dwaru qed jitressaq l-ilment, kienu *bonds suitable* ghall-ilmentaturi meta gie mibjugh fuq parir tieghu stess.

L-ilment imressaq mill-ilmentaturi qed jigi michud ukoll mill-provditur tas-servizz peress li s-servizz li l-ilmentaturi ghazlu kien wiehed ta' parir u ghazla f'idejn l-ilmentaturi (*advisory service)* u mhux f'idejn id-diskrezzjoni tal-provditur tas-servizz fejn l-ghazla taqa' biss f'idejn il-provditur minghajr l-ebda konsultazzjoni mal-ilmentaturi. Dan minbarra l-fatt li l-provditur kontinwament sahaq li l-ilmentatrici ilha tinvesti f'*bonds* u investimenti tal-istess tip mis-sena 2010, liema tranzazzjonijiet ta' investiment, konvenjentement, mhux qed jigu ikkunsidrati mill-ilmentaturi infushom.

[5] Ibid.

**Il-Prodott li nbiegh lill-Ilmentaturi**

L-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment hu ***BP 211 5% EUR High Yield Bond Portfolio 2018*** li huwa portafoll kreat internament mill-provditur tas-servizz li jikkonsisti f'dawn il-*bonds* sottostanti:

- ***9.5% Edcon (Proprietary) Ltd 01.03.2018***
  - ISIN XS0596918135 – Valor 12568725
- ***6.625% Fiat Finance & Trade Ltd 15.03.2018***
  - ISIN XS0906420574 – Valor 20944389
- ***8.875% Rickmers Holding GmbH & Cie KG***
  - ISIN DE000A1TNA39 – Valor 21426036
- ***5.875% Republic of Croatia 09.07.2018***
  - ISIN XS0645940288 – Valor 13299538

**Analizi**

Kif indikat fil-formola tal-ilment,[6] il-prodott mibjugh lill-ilmentaturi li dwaru qed jitressaq dan l-ilment huwa ***High Yield Bond Portfolio BP 211***.

Matul is-smigh tal-kaz gew ipprezentati diversi dokumenti, kemm mill-ilmentaturi kif ukoll mill-provditur tas-servizz. Wiehed mid-dokumenti sotto-messi minn dan tal-ahhar huwa l-lista tal-investiment li l-ilmentatrici kellha mal-provditur tul ir-relazzjoni taghha li bdiet fis-sena 2010. Il-*Gain/Loss Analysis,*[7] kif qed tigi riferuta mill-provditur, tindika d-dati tax-xiri u l-bejgh tal-investiment kif ukoll il-kupuni kollha ricevuti fost ohrajn.

Minn din il-lista jirrizulta li l-BP 211, jigifieri l-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment, inxtara fid-19 ta' Mejju 2014, u nbiegh fid-9 ta' Lulju 2015. Il-

[6] A fol. 3
[7] A fol. 159

*Purchase Value,* jigifieri l-ammont investit huwa ta' €7,000, filwaqt li s-*Sale Value* huwa ukoll ta' €7,000.

Dan ifisser li, hekk kif anke indikat f'din l-istess lista, taht il-kolonna *Gain/Loss*, minkejja li minn Mejju 2014, meta gie mibjugh il-BP 211 lilha, l-ilmentatrici irceviet €329.07 f'kupuni; l-ilmentatrici ma ghamlet la qligh, u lanqas garrbet telf mill-kapital originarjament investit.

Dan jista' jigi ikkonfermat minn dokument iehor li gie sottomess mill-ilmentaturi nfushom, il-*Confirmation of Sale*[8] datata 9 ta' Lulju 2015, jigifieri l-istess data indikata fuq il-*Gain/Loss Analysis*, is-*Sale Date*. A bazi tal-kontenut tal-*Confirmation of Sale*, l-ammont ricevut mill-bejgh tal-BP 211, jigifieri, in-*Net Total*, huwa ta' €7,000.

Dan id-dokument ukoll jikkonferma li wara l-bejgh tal-BP 211, l-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment, l-ilmentatrici regghet tpoggiet fil-pozizzjoni li hi kienet fiha, peress li la ghamlet qligh u lanqas garrbet telf mill-kapital investit.

Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru ma jhossx li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli u qed jichdu.

Peress li l-Arbitru cahad diversi eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz, kull parti ghandha ggorr l-ispejjez legali taghha.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

[8] A fol. 15